Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 292/2018

Il-Pulizija

Vs

Gaetan Gatt

Illum 4 ta' Dicembru, 2018,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Gaetan Gatt detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 5372M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fix-xhur ta' Novembru u Dicembru 2017 u Jannar u Frar 2018, gewwa l-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat:

1. Naqas li jaghti lil Carol Gatt, is-somma, iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 ta' Gunju, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jitrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu ghal xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Gaetan Gatt, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha f'dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontrih;
2. Tirrevokaha f'dik il-parti taghha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' xahrejn prigunerija u tinfliggi minflok piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Gaetan Gatt huma s-segwenti u cioe`:-

Illi l-aggravji tal-appellant huma limitati biss ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata fil-konfront tieghu cioe` il-kundanna ta' xahrejn prigunerija.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa msejjes fuq il-fatt illi l-piena moghtija fil-konfront tieghu hija zbaljata fil-ligi, stante li a bazi tal-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, il-piena tal-prigunerija ma kinitx applikabbli.

Illi l-Artikolu 338(z), fit-tieni *proviso* tieghu jghid hekk:

> *Izda wkoll,* ***meta l-hati jkun recediv*** *f'kontravvenzjoni taht dan il-paragrafu l-hati jista' jehel piena ta' detenzjoni ta' mhux izjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux izjed minn mitejn euro jew prigunerija ghal zmien mhux izjed minn xahrejn;* [enfasi mizjud]

Illi minn dan il-proviso, ftit jista' jkun hemm dubju illi biex isibu applikabbilità dawn il-pieni jehtieg illi l-ewwel u qabel kollox jigi sodisfatt rekwizit importanti i.e. jehtieg illi jigi determinat li ***"l-hati ikun recediv"***. Fil-kaz odjern, ma kienx hemm l-addebitu tar-recidiva fil-konfront tal-appellant, u ghalhekk, dawn il-pieni – fosthom il-piena ta' prigunerija li ghaliha gie kkundannat l-appellant – ma jsibux applikabbilità.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant, minghajr pregudizzju ghall-aggravju precedenti, huwa dwar is-severità tal-piena erogata kontra l-appellant. Irid qabel xejn jinghad illi l-appellant ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu stante li l-ammont ta' manteniment dovut ghax-xhur in kwistjoni kien ghadu dovut dakinhar tas-smigh. Madanakollu jigi rilevat illi l-appellant bl-ebda mod ma ried illi jonqos mir-rispett jew b'mod volontarju ma ried li jonqos mill-obbligu tieghu ghall-hlas ta' manteniment hekk kif din temani mill-kuntratt ta' separazzjoni awtorizzat mill-Qorti. Madanakollu, in vista tal-fatt illi l-appellant kien dizokkupat u ma kellu l-ebda sors ta' dhul, huwa effettivament kien fi stat ta' impossibilità illi jivversa l-pagament minnu dovut stante li ma kellux mezzi.

Illi nonostante li l-appellant issottometta dan kollu quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, umilment ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tatx bizzejjed piz lic-cirkostanzi kollha tal-appellant, specjalment il-fatt illi huwa indika illi entro ftit granet kien ser ikun f'pozizzjoni li jivversa l-hlas dovut ghax-xhur indikati fic-citazzjoni, stante li kellu jaqbad l-ewwel paga tieghu mill-impjieg gdid tieghu.

Illi tant kienet minnha din is-sottomissjoni illi anke wara l-ghoti tas-sentenza in kwistjoni, l-appellant, kif mistenni, qabad il-paga illi kienet dovuta lilu u anke qabel intavola dan ir-rikors tal-appell – mhux b'facilità izda bi sforz notevoli – huwa digà ghadda, permezz ta' cheque bankarju, l-ammont korrispondenti ghall-manteniment kopert bil-proceduri odjerni.

Illi filwaqt illi huwa minnu illi l-elementi necessarji ghas-sejbien ta' htija kienu sodisfatti fil-kaz odjern – u ghalhekk, minghajr tlaqliq, l-appellant ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih – il-piena erogata fil-konfront tieghu taqa' sewwa

sew fil-massimu tal-perjodu ta' prigunerija kontemplat mill-Art 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dan il-punt opportuna tkun riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Said** (Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Lulju 2003, per Onor. Imhallef Joseph Galea Debono) fejn intqal illi:

> *l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament*

Illi in oltre, b'similitudni mal-kaz odjern fejn il-hlas tal-manteniment sar waqt it-terminu li fih seta' jigi intavolat appell, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Anthony Azzopardi** (Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Settembru 2011, per Onor. Imhallef David Scicluna) din il-Qorti tal-Appell qalet illi fic-cirkostanzi, tenut kont tal-insenjament moghti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Publius Said**, *"ghandu jkun hemm temperament fil-piena"*.

Illi l-appellant carament ma riedx jahrab l-obbligi tieghu u ghalhekk umilment jissottometti illi l-piena li ghaliha gie kkundannat hija eccessiva fic-cirkostanzi u fir-retroxena tal-kaz odern.

Rat il-fedina peanli aggornata tal-appellant esebita fl-atti.

Rat l-ircevuta tal-bank draft li sar qabel ma dan l-appell gie appuntat u cioe nhar it-3 ta' Lulju, 2018 fejn l-appellant ivversa favur Carol Gatt l-ammont ta' €322.91.

Rat l-affidavit ta' **PS 1240 Joseph Camilleri** pprezentat fl-atti fejn dan ikkonferma li nhar it-28 ta' Frar, 2018 ghall-habta tal-5.30p.m Carol Gatt marret tirraporta l-ghassa tal-pulizija ta' Hal Qormi li ghal dawn l-ahhar erba' xhur u cioe minn Novembru 2017 sa Frar 2018 ir-ragel taghha Gaetan Gatt li huwa legalment separat minnha naqas milli itiha il-manteniment dovut ghal wild minuri taghhom bl-isem Maria Gatt liema manteniment jammonta ghal ghoxrin euro (€20) fil-gimgha. Carol Gatt

ipprovdiet ukoll kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni redatt min nutar Patricia Ve;lla nhar l-4 ta' April 2012.

Semghet l-ammissjoni tal-appellant registrat fl-atti quddiem l-ewwel Qorti nhar l-20 ta Gunju 2018 ( fol. 10).

Semghet lill-partijiet jittimettu ruhhom ghas-sentenza finali.

Ikkunsidrat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellant ma kienx qed jikkontesta li ma hallasx l-manteniment dovut lil martu Carol ghall-uliedhom minuri Maria u dan ghax-xhur Novembru u Dicembru fis-sena 2017 u Jannar u Frar fis-sena 2018 pero' skond dak mistqarr minnu fir-rikors tal-appell dan sehh mhux minhabba xi rispett lejn xi Ordni tal-Qorti u b'disrispett lejn l-obbligu li jonora l-kundizzjoni tal-kuntratt dwar il-manteniment izda ghaliex huwa kien spicca bla impieg, disokkupat u ma kellux minn fejn jonora l-obbligu tieghu. Fil-fatt jghid li kien talab differiment sabiex jircievi l-ewwel paga tal-impieg gdid tieghu pero' dan ma inghatax lilu mill-ewwel Qorti.

Jirrizulta pero' li qabel ma dan l-appell gie appuntat l-appellant kien gja hallas il-manteniment dovut u fl-atti tinsab ricevuta tal-bank draft li hareg l-istess appellant favur martu Carol.

Illi ghalhekk dwar il-htija minkejja li hemm l-ammissjoni tal-appellant ghall-kontravenzjoni naxenti mill-artikolu 338(zz) tal-Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta jidher ukoll li l-pagament ta' manteniment gie ukoll imhallas.

Ir rikors tal-appell pero' hu imsejjes fuq kwistjoni legali u cioe' li l-ewwel Qorti applikat il-ligi hazina jew ahjar imponiet piena li l-ligi ma tipprovdix dwarha u ghalhekk stqarr li s-sentenza hija nulla.

**Ikkunsidrat,**

Illi skond is-sentenza moghtija mill-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. T. Micallef) vs John Gauci**[1], gie ritenut li "*mhux normali li din il-Qorti tal-Appell*

[1] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminafis-26 ta' Marzu, 2009

*li tvarja d-diskrezjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena erogata tkun tirrientra fil-parametri tal-ligi w ma tkunx manifestament eccessiva. Dan ghax, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali (Superjuri): "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler**[2]" [26.2.2009]:- "Il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti, sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anki, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza tal-Ewwel Qorti) li jkun jincidi b' mod partikolari fuq il-piena). (Ara wkoll "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Bernard sive Benny Attard**[3]""*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Joseph Azzopardi'** il-Qorti kkunsidrat li 'Gh*ar-rigward tal-aggravju dwar il-piena, il-principju regolatur hu li din il-Qorti tal-Appell ma tiddisturbax u tvarja d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-piena sakemm din ma tkunx wahda li tohrog mill-parametri tal- ligi jew tkun manifestament eccessiva.*'

**Ikkunsidrat ,**

Jinghad b'referenza ghall-akkuza in kwistjoni u cioe dik ai termini ta' l-artikolu 338 z tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta dan jiddisponi s-segwenti:-

" M*eta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbu tb' kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma:*

*Iżda, minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi, l-azzjoni kriminali għal reat taħt dan il-paragrafu taqa' bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' sitt xhur":*

Illi skond l-**artikolu 7 (2) tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta il-piena li tista tigi mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma –

(a) *id-detenzjoni;*

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminal inhar id-29 ta' Frar 2009.

[3] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Superjuri nhar l-20 ta Marzu 2009

*(b) l-ammenda;*

*(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba.*

Ghalhekk il-piena li kellha tapplika l-ewwel Qorti hija wahda mis-sub incizzi fuq imsemmija.

Illi pero' l-**artikolu 338z tal-kap 9 tal-ligijiet** ta' Malta ghandu ukoll proviso li japplika ghal min hu akkuzat ukoll bir-recidiva u cioe dan jghid li:-

*Iżda wkoll meta l-ħati jkun* ***reċidiv***[4] *f'kontravvenzjoni taħt dan il-paragrafu l-ħati jista' jeħel piena ta'detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta'mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn.*

Konsegwentment huwa biss fil-kaz ta' htija ta' recidiva li l-ewwel Qorti setghet tapplika piena ta' xaghrejn prigunerija kif in effetti ghamlet.

**Ikkunsidrat ultejorment,**

Illi fil-kazi in desamina l-appellant gie unikament akkuzat bil-kontravenzjoni kif kontemplata fl-artikolu 338(z) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u ghalhekk stante l-ammissjoni ta l-istess appellant din il-Qorti messsha applikat il-piena kif provduta fl-artikolu 7 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta billi applikat canfira, ammenda jew detenzjoni. Ma setghetx fic-cirkostanzi tal-kaz tapplika piena ta' prigunerija wisq inqas ghall-perijodu ta' xahrejn.

Ghalhekk, l- aggravju tal-appellant dwar il-piena jidher gustifikat u ghandu jigi milqugh, kif del resto taqbel ukoll l-istess Prosekuzzjoni kif intqal fit-trattazzjoni taghha**.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata b'dana li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati li naqas li jghaddi l-manteniment lil martu Carol Gatt u tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghal xaghrejn prigunerija w minnflok, wara li rat l-artikoli 338 (z) tal-Kodici Kriminali, tiddecidi stante li illum l-pendenza finanzjajra naxxenti f'din il-

[4] Enfasi ta din il-Qorti

kawza giet transatta stante hlas da parte tal-appellant lill-kwerelanti skond il-bank draft esebit, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' sitt xhur mill illum ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

**(ft)** Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur